# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 45/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Paulseph Pirotta**

Illum 20 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Paulseph Pirotta**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 571590(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-28 ta' Awwissu 2019 għal ħabta ta' 00:00hours bil-vettura TAXI074M ġewwa Triq Aldo Moro, il-Marsa:

1. saq vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni;

2. saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'mod perikoluż;

3. waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura naqas li jeżerċita l-kura u attenzjoni xierqa u juri l-intenzjoni tiegħu b'sinjal meta kien ser ibiddel id-direzzjoni tiegħu jew jaqbeż vettura, żiemel jew frat.

Il-Prosekuzzjoni talbet biex l-imputat ikun skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Frar 2020, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 15(1)(a), 15(2), 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolament 75 tal-Leġilazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih (bil-piena tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni jiġu assorbitu fil-piena tat-tieni (2) imputazzjoni) u kkundannatu jħallas multa komplessiva ta' ħamsin Euro (€50.00) filwaqt li skwalifikatu milli jżomm il-liċenzja tas-sewqan għal żmien tliet xhur u *ai termini* ta' Regolament 78 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 tal-Liġijiet ta' Malta ordnatlu sabiex immedjatament jgħaddi l-istess liċenzja lill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-26 ta' Frar 2020 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali in kwantu mogħtija fil-konfront tal-appellant nhar il-11 ta' Frar 2020 fil-proċeduri fl-ismijiet fuq premessi u għalhekk tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena; u fl-eventwalita' li ma tilqax l-aggravji dwar il-ħtija, tvarja u tirriforma l-istess sentenza f'dik il-parti tagħha li tirrigwarda l-piena u minflok tordna li l-istess appellant jiġi kkundannat għal dik il-piena aktar xierqa li jogħġobha timponi din l-Onorabbli Qorti."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż il-filmat (Dok. "CM 1" – *a fol.* 25) u r-ritratti (Dok. "CM 2" sa Dok. "CM 9" – *a fol.* 26 *et seq*).

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq is-segwenti żewġ aggravji:

- L-ewwel aggravju huwa li l-imputazzjonijiet jirreferu għal inċident li seħħ f'data oħra u mhux dik indikata fiċ-ċitazzjoni. Jissottometti li dawn allegatament seħħew fis-27 ta' Awwissu 2019 u mhux fit-28 ta' Awwissu 2019 kif jingħad fiċ-ċitazzjoni. Jgħid li dan jirriżulta mill-filmat u mill-i*stills* kif ukoll mid-depożizzjoni ta' Matthew Joseph Caruana. Jisħaq li minkejja li Matthew Joseph Caruana xehed li l-inċident seħħ fit-28 ta' Awwissu 2019 pero' l-filmat u l-i*stills* juru mod ieħor.

- It-tieni aggravju huwa li l-Ewwel Qorti qatt ma kellha ssib lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet għaliex il-provi kellhom iwasslu għal-liberazzjoni. Jgħid li la Matthew Joseph Caruana u lanqas martu Kari-Hilde Caruana ma setgħu jagħrfu lill-appellant u lanqas biss tressaq bħala xhud il-Pulizija li għamel l-affidavit sabiex jikkonferma l-identita'. Jisħaq li l-provi kienu konfużjonali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> tal-appellant huwa dwar il-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni fejn jingħad hekk: *"Nhar it-28/8/2019 għal ħabta ta' 00:00hrs"*. Skont l-appellant id-data tal-akkadut kellha tkun is-27 ta' Awwissu 2019 għall-ħabta tal-11.30pm għaliex dan jirriżulta mir-ritratti eżebiti (Dok. "CM 2" sa Dok. "CM 9" – *a fol.* 26 *et seq.*).

Illi Artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu, jew li jistgħu jingħataw. [...]"

Illi f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni ndikat il-ħin fiċ-ċitazzjoni b'dak li jissejjaħ l-arloġġ tal-erbgħa u għoxrin (24) siegħa. Skont dan l-arloġġ 00.00 huwa nofs il-lejl waqt li 12.00pm huwa nofs in-nhar.

Illi riferenza ser ssir għal sentenza li saret riferenza għaliha fir-Rikors tal-appell tal-appellant liema sentenza hija dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nicole Anna Testa** (Numru 566/2016) mogħtija fil-31 ta' Mejju 2017. Fiċ-ċentru ta' dan is-sentenza kien hemm data differenti ndikata – ħamsa flok it-tmienja ta' Mejju – u fejn din il-Qorti diversament preseduta laqgħet l-appell f'dak il-każ.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nicolai (Nicolai Christian) Magrin** (Numru 378/2007) mogħtija fis-17 ta' Marzu 2008 minn din il-Qorti diversament preseduta kien hemm differenza bejn "am" u "pm", liema sentenza kkunsidrat l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* meta l-Prosekuzzjoni ppreżentat ċitazzjoni oħra bil-ħin korrett.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Warren Piscopo** (Numru 508/2010) mogħtija fid-19 ta' Ottubru 2011 fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "7. Fis-sentenza mogħtija fis-17 ta' Marzu 2008 minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v.**

**Nicolai Magrin** li kienet tirrigwarda eċċezzjoni mqajma mid-difiża quddiem l-Ewwel Qorti ta' *ne bis in idem* li ġiet milqugħa minn dik il-Qorti iżda riġettata minn din il-Qorti li allura rrevokat is-sentenza appellata, din il-Qorti kkummentat hekk:

> "Illi din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li dan l-inċident kollu seta' ġie evitat kieku l-Ispettur Prosekutur fl-ewwel kawża, appena ntebaħ li kellu żball fil-ħin li kien indikat fil-komparixxi, talab korrezzjoni biex iz-żewġ ittri 'am.' jinbidlu u jiġu sostitwiti biz-zewg ittri 'pm.' Dan seta' jsir tempestivament kieku l-prosekutur kien '*alert*' biżżejjed u l-Ewwel Qorti żgur li kienet tilqa' t-talba għal tali korrezzjoni u, f'każ li ma tilqagħhiex, tali deċiżjoni kienet tkun appellabbli. Dan pero' ma sarx meta seta' u kellu jsir fl-ewwel process.
>
> [...] f'dan il-każ din l-eċċezzjoni [ta' *ne bis in idem*] mhix applikabbli. Dan għaliex it-testimonjanza tas-Surgent (u ovvjament tax-xhieda l-oħra tal-Prosekuzzjoni) dwar il-ħin tal-inċident qatt u qatt ma setgħet twassal biex tinstab ħtija kontra l-appellat f'dik il-kawża għaliex altru inċident li ġara fit-tmienja u kwart ta' filgħodu u altru inċident li ġara fit-tmienja u kwart ta' bil-lejl. Għalhekk it-tieni kawża bażata fuq komparixxi li turi l-ħin bħala dak tat-8.15p.m. kienet materjalment differenti f'element importanti mill-ewwel akkuża, u ċioè l-ħin."

8. Fil-każ in eżami l-appellant ġie akkużat b'numru ta' reati li allegatament seħħew "għall-habta ta' 06.10am". Il-provi jitkellmu dwar inċident li sehh fis-6.00p.m. jew għall-ħabta tas-6.10p.m. (ara rapport tal-Pulizija, skizz, u affidavit ta' WPS 61 M. Cuschieri). Mela l-Prosekuzzjoni

setgħet liberament titlob korrezzjoni fl-akkuża, iżda dan naqset milli tagħmlu nonostante illi hija stess ppreżentat provi dokumentarji mnejn kien jirriżulta l-ħin korrett. L-appellant mbagħad, kif jirriżulta mis-sentenza appellata, instab ħati ta' reati li allegatament seħħew għall-ħabta tas-6.10 a.m. Evidentement ma setax jinsab hekk ħati ġaladarba l-provi jirrigwardaw inċident li seħħ fis-6.10p.m. F'każ simili deċiż minn din il-Qorti fit-18 ta' Ottubru 2005, u ċioè l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. John Mary Briffa**, fejn l-appellant f'dik il-kawża ġie akkużat b'reati li allegatament seħħew "għall-ħabta tas-7.30p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li seħħ "għall-ħabta tas-7.30a.m.", intqal:

> "L-imputazzjoni għalhekk kif impostata qed tirreferi għal xi ħaġa li allegatament ġrat tnax-il siegħa wara u l-Ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant ħati. Mill-provi ma jirriżultax li ġara xi inċident fil-ħin indikat fl-imputazzjoni u għalhekk l-appellant ma setax jinsab ħati kif fil-fatt insab. Il-frazi "għall-ħabta ta'" tindika ħin approssimattiv u tinkludi ħin viċin dak imsemmi fl-imputazzjoni iżda żgur mhux tnax-il siegħa wara. Il-Prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien żball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-Prosekuzzjoni kellha tieħu ħsieb tagħmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament."

Dan japplika *mutatis mutandis* għall-każ odjern fejn il-Prosekuzzjoni ma għamlet l-ebda talba għall-korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni u fejn l-ewwel Qorti sabet ħtija skont kif spjegat fit-tieni paragrafu ta' din is-sentenza dwar inċident li allegatament seħħ għall-ħabta tas-6.10a.m. mentri l-inċident li fih kien involut l-appellant seħħ għall-ħabta tas-6.10p.m. Konsegwentement l-ewwel aggravju tal-appellant jimmerita akkoljiment."

Illi fl-appell mertu ta' din il-Qorti l-Prosekuzzjoni użat l-arloġġ tal-erbgħa u għoxrin siegħa fejn 00:00hrs jindika 12.00am jew nofs il-lejl. Id-data fiċ-ċitazzjoni hija dik tat-28 ta' Settembru 2019 u allura 00:00hrs indikat fiċ-ċitazzjoni huwa nofs il-lejl tal-jum imsemmi. Mir-ritratti (Dok. "CM 2" sa Dok. "CM 9" – *a fol.* 26 *et seq.*) jirriżulta li l-akkadut seħħ fis-27 ta' Awwissu 2019 fit-23:39 u dan il-ħin huwa qrib nofs il-lejl tas-27 ta' Awwissu 2019. Loġikament hemm differenza ta' kważi erbgħa u għoxrin (24) siegħa mid-data u l-ħin li jidhru fiċ-ċitazzjoni. B'hekk isegwi li l-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni mhux dak li fih seħħ l-akkadut anke wkoll jekk hemm il-kliem *"għal ħabta"*.

Konsegwentement il-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant u għaldaqstant ma hemmx ħtieġa li jiġi kkunsidrat it-tieni aggravju.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Paulseph Pirotta, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddikjara lill-appellant mhux ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**